MALTESE

Australian Government

myagedcare



# Il-gwida tiegħek tas-servizzi tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar

ISBN 978-1-925318-03-6

Bl-eċċezzjoni tal-iStema Araldika tal-Commonweath u fejn innutat mod ieħor, il-materjal kollu ppreżentat f'dan id-dokument hu pprovdut skont liċenzja tal-Attribuzzjoni Komuni Kreattiva 3.0 Awstralja (http://creativecommons.org/licences/by/3.0/au).

Id-dettalji tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja relevanti huma disponibbli fuq il-websajt tal-Komuni Kreattivi (aċċessibbli permezz tal-użu tal-links ipprovduti), bħal fil-kodiċi legali sħiħa fuq il-liċenzja CC BY 3.0 AU (http://creativecommons.org/licences/by/3.0/au/legalcode).

Id-dokument irid ikun attribwit bħala l-gwida Tiegħek għas-servizzi tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar tad-Dipartiment tas-Saħħa.

## Ikkuntattjana

Mistoqsijiet dwar il-liċenzja u kwalunkwe użu ta' dan id-dokument huma milqugħa permezz tal-email f': AACEI@health.gov.au

Tista' ssib dan il-prodott f'www.myagedcare.gov.au

Dan il-ktejjeb ġie mfassal biex jgħinek, lill-familja u lill-ħbieb tiegħek tagħmlu deċiżjonijiet importanti dwar il-kura tiegħek. Għalkemm aħna ppruvajna nagħmluh komprensiv kemm jista' jkun, int għandek mnejn trid tikseb aktar tagħrif speċifiku dwar il-kundizzjoni individwali tiegħek biex tieħu deċiżjoni infurmata.

**It-tagħrif hu kurrenti fl-1 ta' Lulju 2019.**

Persuni Aboriġeni u/jew mill-Gżejjer ta' Torres Strait huma avżati li dan il-ktejjeb jista' jkun fih stampi ta' persuni mejtin.

# Il-gwida tiegħek għas-servizzi tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar

# Dan il-ktejjeb jgħodd għalik?

Dan il-ktejjeb jispjega kif persuni akbar fl-età jistgħu jirċievu sapport f'darhom u fil-ħajja tagħhom ta' kuljum permezz tal-**Programm tal-Pakketti tal-Kura fid-Dar**.

Int għandek taqra dan il-ktejjeb jekk ġejt assessjat mit-Tim tal-Assessjar tal-Kura tal-Anzjani (ACAT) għall-Pakkett tal-Kura fid-Dar.

Inkella ċempel lil **My Aged Care fuq 1800 200 422** jew mur fuq **myagedcare.gov.au** għal tagħrif dwar il-proċess tal-assessjar u l-eliġibilità għal tipi differenti ta' kura tal-anzjani iffinanzjati mill-gvern:

### Kura għal żmien qasir

Hemm servizzi tal-kura għal żmien qasir fid-dar jew f'ambjent ta' kura residenzjali għal sitwazzjonijiet bħal kura restorattiva (biex terġa' ssir indipendenti) jew biex tgħin fit-transizzjoni mill-isptar.

### Sapport tal-livell inizjali fid-dar

Servizzi ta' kura u sapport kontinwi jew għal żmien qasir permezz tal-*Commonwealth Home Support Programme (Programm tal-Commonwealth tas-Sapport fid-Dar)* inkluż għajnuna fil-faċendi fid-dar, kura personali, preparazzjoni ta' bukkuni u ikel, trasport, tagħmel ix-xirja, għajnuna li għandha x'taqsam mas-saħħa, sapport soċjali u respajt ippjanat (tagħti serħan lil kerer tiegħek).

DAN IL-KTEJJEB

### Sapport aktar kumpless fid-dar

Hemm erba' livelli ta' pakketti ta' servizzi kkoordinati li huma mmirati lejn il-konsumatur permezz tal-*Home Care Packages Program (Programm tal-Pakketti tal-Kura fid-Dar)* inkluż il-kura personali, servizzi ta' sapport u nersink, servizzi relattati mas-saħħa u kliniċi.

### Kura residenzjali tal-anzjani

Kura personal u kura tan-nersink fid-djar tal-kura tal-anzjani għall-persuni akbar fl-età li ma jistgħux jgħixu indipendentiment fid-djar tagħhom stess. Dan jinkludi wkoll respajt residenzjali għall-waqfa qasira f'dar tal-kura tal-anzjani.

# Kontenuti

X'inhu Pakkett tal-Kura fid-Dar?....4
Kif il-Gvern jikkontribwixxi għall-ispiża tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar....5
Nista' nikseb Pakkett tal-Kura fid-Dar?....8
Mod biex naċċessja Pakkett tal-Kura fid-Dar....11
X'jiġri jekk inkun imħasseb dwar l-assessjar jew ir-riżultat?....13
Sib il-provvedituri tal-kura fid-dar & aħdem l-ispejjeż....14
Tingħata Pakkett tal-Kura fid-Dar....22
Idħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar....26
Immaniġġja s-servizzi tiegħek....34
Aktar għajnuna.....42
Lista tal-Iċċekkjar – Sib il-provveditur tiegħek tal-kura fid-dar u aħdem l-ispejjeż....45
Lista tal-Iċċekkjar – Idħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar....46
Lista tal-iċċekkjar – Tibdil tal-provvedituri....47

# X'inhu Pakkett tal-Kura fid-Dar?

Pakkett tal-kura fid-dar hu pakkett ikkoordinat ta' kura u servizzi biex jgħinuk tgħix b'mod indipendenti fid-dar tiegħek stess sakemm tista'. Xi persuni jirċievu servizzi permezz tal-Commonwealth Home Support Programme u mbagħad ser ikunu assessjati għall-Pakkett tal-Kura fid-Dar. Oħrajn ser jibdew b'Pakkett tal-Kura fid-Dar.

Il-benefiċċju ta' Pakkett tal-Kura fid-Dar hu li l-provveditur tiegħek tal-kura fid-dar ser jaħdem miegħek biex:

- tagħżel kura u servizzi li l-aktar jissodisfaw il-bżonnijiet u l-miri tiegħek
- timmaniġġja l-kura u servizzi tiegħek.

Hemm erba' livelli ta' Pakketti tal-Kura fid-Dar biex jgħinu fl-issodisfar tal-livelli differenti tal-bżonnijiet tal-kura. Matul l-assessjar tiegħek tal-kura tal-anzjani, l-assessur tiegħek ser jiddiskuti l-bżonnijiet kurrenti tiegħek u jiddetermina l-aħjar livell biex jissodisfahom.

Hu mistenni li aktar persuni ser jiġu assessjati bħala eliġibbli għall-pakkett ta' kura ta' livell aktar baxx, b'numru iżgħar ikunu assessjati li għandhom bżonn pakketti ta' livell ogħla.



# Kif il-Gvern jikkontribwixxi għall-ispiża tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar

L-ammont totali tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar jikkonsisti minn:

- Kemm iħallas il-Gvern Awstraljan (is-sussidju)
- int għandek mnejn ikollok bżonn tħallas (il-miżati tiegħek tal-kura fid-dar).

Hemm tagħrif dwar kif taħdem l-ispejjeż li għandek mnejn ikollok tħallas fuq paġna 15.

Il-Gvern Awstraljan iħallas ammont differenti ta' sussidju għal kull livell ta' Pakkett tal-Kura fid-Dar. L-ammont jitħallas lill-provveditur tal-kura fid-dar li tagħżel int.

Is-sussidju tal-Gvern għall-kull pakkett hu kif ġej:

| Livell tal-Pakkett | Servizzi tal-kura tal-anzjani għal persuni bi | Ammont annwali mħallas mill-Gvern Awstraljan sal-valur approssimattiv* ta' |
|---|---|---|
| 1 | Bżonnijiet ta' kura bażika | **$8,750** |
| 2 | Bżonnijiet ta' kura ta' livell baxx | **$15,250** |
| 3 | Bżonnijiet ta' kura intermedja | **$33,500** |
| 4 | Bżonnijiet ta' kura ta' livell għoli | **$50,750** |

**Dawn iċ-Ċifri huma mqarrba. Il-kontribuzzjoni massima tal-gvern tiżdied kull sena. L-ammont individwali li ser jitħallas ser jiddependi jekk tiġix mistoqsi tħallas miżata tal-kura skont it-test tad-dħul.*

## Għal liema skop jistgħu jintużaw il-fondi tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar?

Il-fondi tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar għandhom jintużaw biex jinxtraw kura u servizzi li jissodisfaw il-bżonnijiet tiegħek tal-kura hekk kif inhuma assessjati minn ACAT. Il-bżonnijiet tiegħek tal-kura assessjati huma elenkati fil-pjan ta' sapport ta' My Aged Care. Int għandek tiddiskuti mal-provveditur tiegħek tal-kura fid-dar il-bżonnijiet tal-kura u tas-servizzi tiegħek meta tiżvillupa l-pjan tiegħek tal-kura li jifforma parti mill-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar:

- **Servizzi personali**: għajnuna rigward attivitajiet personali bħal ngħidu aħna biex tieħu banju, tieħu doċċa, għajnuna fl-użu tat-tojlit, tilbes, tinża', mobilità u komunikazzjoni
- **Nutrizzjoni, idratazzjoni, preparazzjoni tal-ikel u dieta**: għajnuna fil-preparazzjoni tal-ikel, inkluż dieta speċjali għas-saħħa, raġunijiet reliġjużi, kulturali jew għal raġunijiet oħra, għajnuna fl-użu tal-oġġetti biex tiekol bihom u għajnuna biex tiekol
- **Maniġment tal-kontinenza**: għajnuna fl-użu tal-għajnuniet tal-kontinenza u affarijiet bħal pads li tużahom u tarmihom u għajnuniet assorbenti, siġġijiet tat-tojlit, patella u awrinali, kateter u apparat tat-tbattil tal-awrina, u enemas
- **Mobilità u desterità**: provvediment ta' krozzi, għajnuniet kwadrupliċi li jgħinuk timxi, frejms tal-mixi, bsaten, apparat mekkaniku biex terfa', rajls tas-sodda, lożor biex tiżżerżaq, ġlud tan-nagħaġ, tri-pillows (tri-imħaded), saqqijiet li jtaffu l-pressjoni u għajnuna biex tuża dawn l-għajnuniet
- **Nersink, saħħa relattata u servizzi tat-terapija**: pereżempju, dan jista' jinkludi terapija tat-taħdit, podjatrija, servizzi okkupazzjonali jew tal-fiżjoterapija u servizzi kliniċi oħra bħal ngħidu aħna servizz tas-smigħ u tal-viżta
- **Trasport u għajnuna personali**: għajnuna biex tagħmel ix-xirja, iżżur speċjalisti tas-saħħa u tieħu sehem f'attivitajiet soċjali
- **Maniġġjar tal-integrità tal-ġilda**: għajnuna rigward il-faxex, infaxxar, u dlik li jżommu l-ġilda ratba u jtaffu l-iskomfort.

Pakkett tal-Kura fid-Dar jista' jintuża wkoll biex jiffinanzja l-użu ta':

- **Telehealth (Telesaħħa)**: konferenzi permezz tal-vidjo u teknoloġija diġitali (inkluż monitoraġġ mill-bogħod) biex iżid l-aċċess għall-kura fil-ħin u xierqa
- **Teknoloġija ta' għajnuna**: bħal apparat li jgħin il-mobilità, il-komunikazzjoni u s-sigurtà personali
- **Għajnuniet u apparat**: speċjalment dawk li jgħinu persuna tagħmel faċendi ta' kuljum, jistgħu jinxtraw permezz tal-użu tal-fondi mill-baġit tal-pakkett tiegħek. Il-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar irid ikun speċifiku u jgħid jekk ikunx mikri jew ta' min hu l-oġġett u min hu responsabbli mill-ispejjeż kontinwi tal-manutenzjoni u tat-tiswija.

Provvedituri approvati tal-kura fid-dar ser jaħdmu bi sħab miegħek biex ifasslu kura u servizzi li l-aktar jissapportjaw il-bżonnijiet u l-miri tiegħek.

## Għalxiex ma jistgħux jintużaw il-fondi tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar?

Il-fondi tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar ma jistgħux jintużaw bħala sors ġenerali ta' dħul għall-affarijiet bħal (imma mhumiex limitati għal):

- kontijiet ta' kuljum
- ikel
- pagamenti tas-self fuq id-dar
- kera.

Il-fondi tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar anqas ma jistgħu jintużaw biex tixtri:

- tipi oħra ta' kura ffinanzjati, jew iffinanzjati flimkien, mill-Gvern Awstraljan
- vjaġġi u akkomodazzjoni
- attivitajiet ta' pjaċir, bħal ngħidu aħna abbonament tal-klabb jew biljetti għall-avvenimenti sportivi.

# Nista' nikseb Pakkett tal-Kura fid-Dar?

Jekk int għadek ma ġejtx assessjat mill-ACAT għall-Pakkett tal-Kura fid-Dar int (jew ir-rappreżentant tiegħek innominat) trid iċċempel lil My Aged Care fuq 1800 200 422. L-istaff taċ-ċentru tal-kuntatt ser jistaqsuk xi mistoqsijiet biex jgħinuhom jifhmu l-bżonnijiet u l-arranġamenti tal-kura tiegħek biex jinfurmaw l-passi li jmiss.

L-istaff taċ-ċentru tal-kuntatt imbagħad għandhom mnejn:

- jiffissaw assessjar wiċċ imb'wiċċ tal-bżonnijiet tiegħek li jsir f'darek stess minn assessur imħarreġ
- jirreferuk għas-servizzi tal-kura tal-anzjani, li jirriflettu kwalunkwe preferenza li għandek għall-provvedituri ta' servizz partikulari
- jagħtuk tagħrif dwar il-kura tal-anzjani u dettalji dwar is-servizzi li jistgħu jgħinuk.

Huma ser jitolbu il-permess tiegħek biex joħolqu rekord personalizzat tal-klijent. Dan ser ikun fih tagħrif aġġornat dwar il-bżonnijiet tiegħek, ir-riżultati ta' kwalunkwe assessjar u kwalunkwe servizz li tirċievi. Ir-rekord tal-klijent ser inaqqas il-ħtieġa li int terġa' tirrakkonta l-istorja tiegħek.

Int tista' tinnomina wkoll il-familja tiegħek u lill-ħbieb tiegħek bħala r-rappreżentanti tiegħek. Huma mbagħad ser ikunu jistgħu jaraw ir-rekord tiegħek tal-klijent fuq is-sistema tal-My Aged Care. Huma ser jagħmluha bħala r-rappreżentanti għan-nom tiegħek biex jiddiskutu l-bżonnijiet tal-kura tiegħek. Int tista' tinforma liċ-ċentru tal-kuntatt li kwalunkwe posta li għandha x'taqsam mal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar għandha tintbagħat lir-rappreżentant tiegħek.

## L-assessjar tal-bżonnijiet tiegħek

Wara li ċċempel lil My Aged Care, jekk il-bżonnijiet tal-kura tiegħek jindikaw li għandek mnejn ikollok bżonn ta' Pakkett tal-Kura fid-Dar, int ser tiġi rreferut lill-ACAT għall-assessjar wiċċ imb'wiċċ. Dan l-assessjar ser jidentifika l-livell xieraq tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar biex jissodisfa l-bżonnijiet tiegħek.

Il-membru tiegħek lokali tal-ACAT (is-soltu ners, social worker jew professjonist ieħor tal-kura tas-saħħa) ser jiffissa ħin biex jiġi d-dar tiegħek (jew l-isptar jekk int fl-isptar) u jkellmek dwar kemm qed timmaniġġja tajjeb il-ħajja tiegħek ta' kuljum. Huma ser jispjegawlek ukoll il-proċess tal-assessjar.

Il-membru tal-ACAT jista' jitlob il-permess tiegħek biex ikellem lit-tabib tiegħek dwar il-passat mediku tiegħek qabel ma jiltaqa' miegħek. Jekk taqbel, il-kunsens tiegħek ser ikun irrekordjat mill-membru tal-ACAT. It-tagħrif kollu miġbur ser jiġi meqjus bħala kunfidenzjali.

Bil-permess tiegħek, membru tal-ACAT ser:

- jassessja u japprova l-eliġibilità tiegħek għal kura fid-dar biex jgħinek tkompli tgħix fid-dar jew jirreferik għal servizzi oħra
- jagħtik tagħrif dwar servizzi tal-kura fid-dar fin-naħat tiegħek
- jgħinek taċċessja l-kura li għandek bżonn
- jgħinek torganizza kura ta' respajt residenzjali, jekk għandek bżonnha.

Membru tal-ACAT ser ikellmek dwar is-sitwazzjoni tiegħek kurrenti u jassessja u japprova l-eliġibilità tiegħek biex tirċievi servizzi tal-kura tal-anzjani ssussidjati mill-Gvern Awstraljan. Dan l-assessjar hu bla ħlas.

Dejjem ser jittieħdu nkonsiderazzjoni l-preferenzi tiegħek, u m'għandekx bżonn tieħu deċiżjonijiet dwar il-futur tiegħek matul l-assessjar tiegħek.

Aħna nilqgħu bil-qalb kollha li xi ħaddieħor – ħabib, membru tal-familja jew il-kerer tiegħek – jiġu għall-assessjar miegħek għas-sapport ekstra.



# Mod biex naċċessja Pakkett tal-Kura fid-Dar

Dan il-ktejjeb jispjega fuq fuq il-mod tas-soltu għall-persuni li ġew assessjati bħala eliġibbli għall-Pakkett tal-Kura fid-Dar u jinkludi tagħrif dwar il-miżuri f'kull stadju, biex int tista' tibda u timmaniġġja s-servizzi tiegħek tal-kura fid-dar.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | **TIRĊIEVI R-RIŻULTAT TAL-ASSESSJAR TIEGĦEK** | Konferma tal-eliġibilità tiegħek biex tirċievi Pakkett tal-Kura fid-Dar |
| 2 | **ISSIB PROVVEDITURI TAL-KURA FID-DAR & TAĦDEM L-ISPEJJEŻ** | Tibda tistaqsi dwar min tixtieq jipprovdilek is-servizzi tiegħek u kemm ser jiswew |
| 3 | **TINGĦATA PAKKETT TAL-KURA FID-DAR** | Konferma tal-għoti tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar u kodiċi unika ta' riferiment tal-pakkett |
| 4 | **IDĦOL FI FTEHIM DWAR IL-KURA FID-DAR** | Tibda tinnegozja mal-provveditur preferut tiegħek biex tiżvillupaw pjan ta' kura u Ftehim tal-Kura fid-Dar |
| 5 | **IMMANIĠĠJA S-SERVIZZI TIEGĦEK** | Tibda tirċievi servizz ta' kura fid-dar u timmaniġġja s-servizzi tiegħek jekk jinbidlu l-bżonnijiet tiegħek |

## Tirċievi r-riżultat tal-assessjar tiegħek

Wara l-assessjar tiegħek, membru tal-ACAT ser jieħu deċiżjoni formali dwar il-bżonnijiet tiegħek tal-kura, l-eliġibiltà tiegħek biex tirċievi l-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar u l-livell tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar li jissodisfa l-bżonnijiet tiegħek.

Jekk int tiġi assessjat bħala eliġibbli għal Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar int ser:

- tirċievi ittra ta' approvazzjoni minn My Aged Care li tispjega il-livell ta' Pakkett tal-Kura fid-Dar li int ġejt approvat li tirċieivi u l-prijorità li ġejt mogħti
- titniżżel fis-sistema nazzjonali tal-prijorità għall-livell tiegħek approvat tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar. Il-post tiegħek ser ikun ibbażat fuq meta ġejt approvat għall-kura fid-dar u l-prijorità li ġiet mogħtija lilek.

Int għandu mnejn tinstab li mintix eliġibbli għall-Pakkett tal-Kura fid-Dar. Jekk jiġri dan, int ser tirċievi ittra li tispjega għala u lil min għandek tikkuntattja għal aktar għajnuna. Int tista' tkun eliġibbli għal servizzi oħra ta' kura u, jekk hu hekk, dan it-tagħrif ser ikun inkluż fl-ittra tiegħek.

Jekk il-bżonnijiet tiegħek tal-kura jinbidlu fi kwalunkwe ħin, int tista' titlob assessjar ġdid tal-ACAT billi tikkuntattja lil My Aged Care.

Jekk ma tirċevix ittra tal-approvazzjoni li tispjega r-riżultat tiegħek tal-assessjar, ċempel lil My Aged Care fuq 1800 200 422 u itlobhom kopja.



# X'jiġri jekk inkun imħasseb dwar l-assessjar jew ir-riżultat?

Jekk għandek tħassib dwar is-servizz li tirċievi matul l-assessjar tiegħek jew dwar id-deċiżjonijiet fl-ittra tiegħek tal-approvazzjon, int għandek id-dritt tqajjem it-tħassib tiegħek.

L-ittra tiegħek ta' approvazzjoni ser tinkludi aktar tagħrif dwar kif tista' tilmenta jew tappella d-deċiżjoni.

L-ACATs huma impjegati mill-gvernijiet statali u territorjali u għalhekk kull tim hu kopert mill-proċeduri tal-ilmenti tal-gvern.

Kull ACAT irid isegwi proċeduri stabbiliti biex jinvestigaw kwalunkwe tħassib tiegħek.

Jekk għandek tħassib:

Ċempel lill-assessur tiegħek tal-ACAT biex tkellmu dwar it-tħassib u itolbu l-għajnuna tiegħu. Huma jistgħu jgħinuk u ser jisimgħu t-tħassib tiegħek.

Jekk int u l-ACAT ma tkunux tistgħu tirriżolvi l-problema itlobhom jagħtuk dettalji tal-kuntatt tal-maniġer tad-dipartiment governattiv statali jew territorjali tiegħek. Int għandek tqajjem it-tħassib tiegħek magħhom.

Jekk xorta waħda ma taqbilx mar-riżultat tal-assessjar, int tista' tikteb lis-Segretarju tad-Dipartiment tas-Saħħa u tispjega fil-qosor għala taħseb li għandu jinbidel.

Int għandek tikteb fl-indirizz li ġej:

The Secretary
Department of Health
Attn: Aged Care Assessment Program Reconsiderations
GPO Box 9848
Adelaide SA 5001

Int trid tikteb lis-Segretarju fi żmien **28 ġurnata** minn meta tirċievi l-ittra tiegħek mill-ACAT.

Ma hemm l-ebda ħlas biex tistaqsi għal reviżjoni tad-deċiżjoni tal-ACAT. Jekk mintix sodisfatt bir-riżultat ta' din ir-reviżjoni, int tista' tmur għand it-Tribunal Amministrattiv tal-Appelli. Hemm ħlas għal dan. Ikseb aktar tagħrif fuq il-websajt tagħhom f'www.aat.gov.au jew ċempel 1800 228 333.

# Sib il-provvedituri tal-kura fid-dar & aħdem l-ispejjeż

## Kif insib provveditur?

Wara l-approvazzjoni tiegħek biex tirċievi Pakkett tal-Kura fid-Dar, int għandek tfittex provvedituri approvati tal-kura fid-dar fiż-żona lokali tiegħek biex tikseb tagħrif:

- kif huma jistgħu jissodisfaw bl-aħjar mod il-bżonnijiet tiegħek
- il-miżati u l-ispejjeż u xi jfissru

kwalunkew servizzi oħra addizzjonali li joffru u l-ispejjeż marbuta magħhom.

Int tista' ssib provveditur billi:

Tuża l-websajt tal-My Aged Care www.myagedcare.gov.au u fittex u qabbel il-provvedituri, inkluż il-prezzijiet tagħhom għal numru ta' servizzi; jew

Ċempel lil My Aged Care fuq 1800 200 422 u l-persuna li titkellem magħha tista' tagħtik fuq it-telefown lista ta' provvedituri lokali tal-kura fid-dar jew tibgħathielek bil-posta.

Kull provveditur hu differenti, mela jekk tiltaqa' magħhom ser jgħinek tifhem x'tista' tistenna. Int ser tkun tista' wkoll tara t-tipi ta' kura, servizzi u attivitajiet li joffru.

Hemm lista tal-iċċekkjar fi tmiem dan il-ktejjeb biex jgħinek tipprepara l-mistoqsijiet li għandek mnejn trid tistaqsi lilll-provvedituri potenzjali.



## X'inhuma l-ispejjeż

L-ammont totali tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar jikkonsisti minn dak:

- li jħallas il-Gvern Awstraljan (is-sussidju)
- int tista' jkollok bżonn tħallas (il-miżati tiegħek tal-kura fid-dar).

Is-sussidju li l-Gvern Awstraljan iħallas ser ikun differenti għal kull livell ta' Pakkett tal-Kura fid-Dar. Dan l-ammont jitħallas lill-provveditur tal-kura fid-dar li tagħżel int.

Int mistenni tikkontribwixxi għall-ispiża tal-kura tiegħek u s-servizzi tiegħek jekk tista' tħallas.

My Aged Care jista' jagħtik stima tal-miżati li mistenni tħallas. Biex tikseb stima tista':

- żżur www.myagedcare.gov.au u fittex for 'Fee Estimator (Kalkulatur tal-Miżati)'; jew
- ċempel lil My Aged Care fuq 1800 200 422.

## X'ser ikolli bżonn inħallas?

Hemm tlett tipi ta' miżati li l-provveditur tiegħek jista' jitolbok tħallas:

- miżata bażika ta' kuljum
- miżata tal-kura skont it-test tad-dħul
- miżati addizzjonali.





## Il-miżata bażika ta' kuljum

Il-miżata bażika ta' kuljum hi maħduma bħala persentaġġ tar-rata ta' persuna waħidha tal-pensjoni tal-età bażika skont il-livell tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar.

Il-persentaġġi tal-miżata bażika ta' kuljum għal kull livell tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar huma hekk kif jidhru hawn taħt:

| Livell tal-Pakkett | Persentaġġ tar-rata għal persuna waħidha tal-pensjoni bażika tal-età |
|---|---|
| 1 | **15.68** |
| 2 | **16.58** |
| 3 | **17.05** |
| 4 | **17.50** |

Din ir-rata tal-miżata bażika ta' kuljum tiżdied fl-20 ta' Marzu u fl-20 ta' Settembru kull sena skont it-tibdil fil-pensjoni tal-età. Dan japplika għal kull persuna li tirċievi Pakkett tal-Kura fid-Dar, anki jekk int tagħmel parti minn koppja.

## Il-miżata tal-kura skont it-test tad-dħul

Int għandek mnejn tiġi mistoqsi tagħmel kontribuzzjoni oħra għall-ispiża tal-kura tiegħek skont iċ-ċirkustanzi finanzjarji tiegħek. Dan hu magħruf bħala 'miżata tal-kura skont it-test tad-dħul' u barra r-rata bażika ta' kuljum.

Jekk tiġi mitlub tħallas miżata tal-kura skont it-test tad-dħul, is-sussidju tal-gvern jitnaqqas bl-ammont tal-miżata tal-kura skont it-test tad-dħul li int ġejt assessjat li int eliġibbli tħallas. Il-provveditur tiegħek irid iwassal servizzi li jirriflettu l-valur sħiħ tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar. L-unika ħaġa li tinbdel hu s-sors tad-dħul.

Pereżempju, jekk il-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar hu meqjus li jiswa $30,000 u ġejt assessjat minn DHS li tista' tħallas $10,000 bħala l-miżata tiegħek tal-kura skont it-test tad-dħul, allura s-sussidju tal-gvern lill-provveditur ser ikun $20,000 ($30,000 - $10,000 = $20,000).

Hemm limiti ta' kuljum, annwali u għal għomrok kollu, fuq l-ammont tal-miżata tal-kura skont it-test tad-dħul li int tista' tiġi mitlub tħallas.

Id-dar tiegħek tal-familja mhix inkluża fl-assessjar tad-dħul tiegħek għall-fini tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar.

Int mhux ser tintalab tħallas miżata tal-kura skonti t-test tad-dħul jekk int għandek dħul annwali taħt l-ammont massimu tad-dħul li persuna jista' jkollha biex tkun meqjusa bħala pensjonanta sħiħa.

Jekk int parti minn koppja, il-miżata tal-kura skont it-test tad-dħul li trid titħallas hi maħduma billi tnaqqas bin-nofs id-dħul tagħkom magħdud, hi min hi l-persuna li qalgħat id-dħul.

## Miżati addizzjonali

Kwalunkwe ammont ieħor li int qbilt li tħallas għal kura u servizzi ekstra li kieku ma kinux ikunu koperti mill-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar.

## Kif nikkalkula l-miżati tiegħi?

Il-miżati li int tista' tiġi mitlub tħallas għall-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar jingħataw mid-DHS.

Jekk qed tirċievi pagament skont it-test tad-dħul pereżempju pensjoni tal-età jew pagament tad-Dipartiment tal-Affarijiet tal-Veterani, int m'għandek għalfejn tagħmel xejn. Int ser tirċievi ittra hekk kif tidħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar li tinformak dwar il-miżati li tista' tiġi mitlub tħallas.

Jekk int persuna irtirata li tgħix mid-dħul tiegħek stess, jew pensjonant parzjali u ma tirċevix pagament ta' sapport tad-dħul skont it-test tal-mezzi, int ser ikollok timla formola formali tal-assessjar tad-dħul.

Pagamenti tas-sapport tad-dħul li mhumiex soġġetti għat-test tal-mezzi jinkludu:

- Pensjoni tal-Età - Għomja
- Pensjoni tas-Sapport tad-Diżabilità - Għomja
- Allowance tal-Kerer
- Allowance tal-Mobilità
- Pensjoni tad-Diżabilità tad-DVA mingħajr Suppliment tas-Sapport tad-Dħul
- Pensjoni tal-Armla tal-Gwerra tad-DVA mingħajr Suppliment tas-Sapport tad-Dħul.

Jekk għandek bżonn ittra tal-miżata ta' qabel il-bidu tal-ħlas, jekk jogħġbok ċempel lil Centrelink fuq 1800 227 475 jew lid-DVA fuq 1800 555 254.

Kwalunkwe miżata li trid tħallas ser tkun diskussa bejnek u l-provveditur tiegħek qabel ma jibdew is-servizzi bħala parti mill-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar u baġit tal-pakkett.

Hekk kif jibdew il-kura u s-servizzi int ser tkun tista' tirrevedi s-sussidji u l-miżati kollha li għandhom x'jaqsmu mal- Pakkett tal-Kura fid-Dar fl-istejtment tiegħek ta' kull xahar.

## Kif nimla assessjar tad-dħul?

Int tista' timla assessjar tad-dħul billi tmur fuq il-websajt tad-DHS f'humanservices.gov.au/agedcare u:

- tuża l-formola diġitali ggwidata; jew
- tipprintja Pakkett tal-Kura fid-Dar, Formola tal-kalkulu tal-ispejjeż tiegħek tal-kura (SA456).

## Kif ser inkun avżat dwar il-miżati?

Wara li DHS taħdem il-miżata massima tal-kura skont it-test tad-dħul **int u l-provveditur tiegħek** ser tintbagħatilkom ittra bil-miżata bażika ta' kuljum li int tista' tiġi mitlub tħallas.

Jekk trid tikseb assessjar tad-dħul qabel ma tibda l-pakkett tiegħek, int **biss** ser tirċievi ittra li tavżak dwar il-miżati massimi li int tista' tiġi mitlub tħallas. Il-parir ikun validu għal 120 ġurnata – għajr meta jkun hemm bidla sinifikanti fiċ-ċirkustanzi tiegħek. Jekk ikun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi tiegħek , int trid tavża lil DHS li ser jerġgħu jibagħatu mill-ġdid ittra oħra ta' notifika tal-miżata.

## X'jiġri jekk ma nkunx irċevejt risposta mid-Dipartiment tas-Servizzi Umani?

Ser tieħu tal-anqas ġimagħtejn mid-data meta ssottomettejt il-formola tiegħek tal-assessjar tad-dħul biex tirċievi ittra dwar il-miżati tiegħek.

Jekk ma kontx irċevejt ittra wara ġimagħtejn int għandek tikkuntattja lid-DHS fuq 1800 227 475 u staqsi għall-aġġornament dwar l-istatus tal-assessjar tiegħek tad-dħul.



## X'jiġri jekk ma nistax inħallas il-miżati?

Jekk taħseb li ser issibha bi tqila tħallas il-miżati mitluba, int tista' titlob biex tiġi meqjus għall-għajnuna tat-tbatija finanzjarja. Kull każ hu meqjus fuq bażi individwali.

Biex tiġi kkunsidrat għall-għajnuna tat-tbatija finanzjarja, int trid:

- ikollok assi inqas minn 1.5 darba tal-pensjoni annwali tal-età (inklużi wkoll supplimenti tal-pensjoni)
- ma tkunx irregalajt aktar minn $10,000 is-sena l-oħra jew $30,000 fl-aħħar ħames snin
- kellek id-dħul tiegħek assessjat skont l-Att tal-Kura tal-Età tas-sena 1997.

Biex tapplika għall-għajnuna tat-tbatija finanzjarja, int jew ir-rappreżentant tiegħek tridu timlew formola tal-applikazzjoni u tissottomettu l-formola kompluta lid-DHS. Int tista' tikseb kopja tal-formola mill-websajt tad-DHS f' https://www.humanservices.gov.au/customer/forms/sa462 jew billi ċċempel 1800 227 475.

## Kemm jitħallsu ta' spiss il-miżati?

Il-miżati jitħallsu għal kull ġurnata li int għandek Pakkett tal-Kura fid-Dar, u normalment jitħallsu kull ħmistax jew kull xahar. Il-gvern iħallas ukoll sussidju u supplimenti lill-provveditur għal kull ġurnata li int għandek il-pakkett.

## Meta nibda nħallas il-miżati?

Int ma għandek għalfejn tħallas l-ebda miżata (miżata bażika ta' kuljum u miżata tal-kura skont it-test tad-dħul) qabel ma jibda l-Pakkett tal-Kura fid-Dar. Imma jekk int dħalt fi Ftehim tal-Kura fid-Dar mal-provveditur, int tista' tiġi mitlub tħallas xahar bil-quddiem.

## Fejn nista' nikseb tagħrif finanzjarju?

Int tista' tikseb tagħrif bażiku dwar l-immaniġġjar tal-finanzi tiegħek mis-Servizz tat-Tagħrif Finanzjarju tad-DHS. Dan hu servizz kunfidenzjali bla ħlas li jista' jgħinek tagħmel deċiżjonijiet infurmati dwar il-finanzi tiegħek għall-bżonnijiet kurrenti u futuri tiegħek.

Għal aktar tagħrif dwar is-Servizz tat-Tagħrif Finanzjarju, ċempel lil DHS fuq 132 300 u għid "Financial Information Service" (Servizz ta' Tagħrif Finanzjarju) meta tkun mitlub twieġeb.

## Xi spejjeż oħra jistgħu jiġu ċċarġjati mill-provveditur?

Il-provveditur tal-għażla tiegħek jista' jiċċarġja ħlas tal-immaniġġjar tal-pakkett u ħlas tal-immaniġġjar tal-kura li jittieħdu mill-fondi tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar. Kull provveditur ser ikollu spejjeż differenti assoċjati mal-provvediment tal-kura u tas-servizzi u allura int għandek tistaqsi x'inhuma dawk l-ispejjeż u kemm ser tiġi ċċarġjat.

It-tagħrif tal-prezzijiet irid ikun ppubblikat fuq My Aged Care minn kull provveditur u jistgħu jinkisbu fuq l-għodda 'Find a provider' (Sib provveditur) fuq il-websajt tal-My Aged Care.

Il-provveditur irid jinkludi kopja tal-iskeda tagħhom tal-prezzijiet fil-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar. Huma jridu mbagħad jiċċarġjaw lill-baġit tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar il-prezzijiet skedati. Jekk il-provveditur tiegħek għandu bżonn jiċċarġja ammont differenti għal servizz partikulari (jew ogħla jew aktar baxx), huwa jeħtieġlu jiddiskutu u jaqbel miegħek minn qabel dwar dan l-ammont. Il-prezz differenti u r-raġuni mbagħad iridu jkunu nklużi fi ħdan il-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar.

L-ammonti kollha li ttieħdu mill-fondi tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar iridu jkunu nklużi fl-istejtment tiegħek ta' kull xahar li ser jifforma parti mill-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar u li int qbilt miegħu.

Int għandek ukoll tistaqsi lill-provveditur jekk huwa ser inaqqas l-ammont tal-ħruġ (minn kwalunkwe fondi mhux minfuqa tal-pakkett) jekk tiddeċiedi li tibdel il-provveditur aktar tard, jew ma tibqax tirċievi kura fid-dar.

Irreferi għal paġna 29 għal aktar tagħrif dwar ammonti tal-ħruġ.



## Kif taħdem is-sistema nazzjonali tal-prijorità?

Hekk kif tkun approvat għall-Pakkett tal-Kura fid-Dar, int ser titpoġġa fis-sistema nazzjonali tal-prijorità biex tingħata Pakkett tal-Kura fid-Dar.

Il-post tiegħek fis-sistema nazzjonali tal-prijorità hu bbażat fuq:

- meta tkun approvat għall-kura fid-dar
- il-prijorità tiegħek għas-servizz hekk kif inhi determinata mill-ACAT matul l-assessjar tiegħek.

Hemm stennijia bejn iż-żmien meta tkun approvat għall-kura u ż-żmien meta tingħata Pakkett tal-Kura fid-Dar.

Meta Pakkett tal-Kura fid-Dar isir disponibbli, int ser tirċievi ittra minn My Aged Care biex tinfurmak li int ġejt mogħti pakkett.

L-ittra ser tinkludi:

- x'livell ta' Pakkett tal-Kura fid-Dar ġie mogħti lilek
- kodiċi unika ta' riferiment li int tagħti lill-provveditur magħżul minnek.

Hekk kif tirċievi din l-ittra int imbagħad tista' tibda tinnegozja d-dettalji tal-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar mal-provveditur favorit tiegħek. Hekk kif tidħol fi Ftehim, int tista' tibda tirċievi s-servizzi.

## X'jiġri jekk ma rridx Pakkett tal-Kura fid-Dar issa?

Ikkuntattja lil My Aged Care fuq 1800 200 422 malajr kemm jista' jkun jekk ma tridx il-pakkett tiegħek tal-kura fid-dar issa, biex hekk persuna oħra li għandha bżonnu tkun tista' tużah.

Il-post tiegħek fis-sistema nazzjonali tal-prijorità mhux ser jintlaqat, għax hi bbażata fuq meta ġejt approvat għal kura fid-dar u l-prijorità li ġiet mogħtija lilek. Ma jkun hemm l-ebda żvantaġġ għalik jekk tagħżel li ma taċċettax issa l-pakkett tal-kura fid-dar.

Tista' tikkuntattja lil My Aged Care fi kwalunkwe ħin fil-futur u titlobhom pakkett tal-kura fid-dar.

## X'jiġri jekk niġi mogħti pakkett ta' livell aktar baxx?

Int tista' tingħata Pakkett tal-Kura fid-Dar taħt il-livell tiegħek approvat. Dan iħallik tirċievi servizzi waqt li tkun qed tistenna sakemm jinstab pakkett fil-livell tiegħek approvat. Pereżempju, jekk ġejt approvat li tirċievi Pakkett tal-Kura fid-Dar ta' livell 4 int tista' tirċievi ittra li tagħtik Pakkett tal-Kura fid-Dar ta' livell 2 biex hekk int tkun tista' tirċievi l-kura u s-servizzi waqt li tkun qed tistenna li pakkett ta' livell 4 isir disponibbli.

Int ser tibqa' fuq is-sistema nazzjonali tal-prijorità waqt li tkun qed tistenna pakkett fil-livell tiegħek approvat, waqt li tkun qed tirċievi servizzi permezz ta' pakkett ta' livell aktar baxx. Meta pakkett ta' livell ogħla jinstab int ser tkun awtomatikament ittrasferit għall-pakkett ta' livell ogħla minn My Aged Care. Int ma għandek bżonn tagħmel xejn biex tkun ittrasferit għall-pakkett ta' livell ogħla. Int u l-provveditur tiegħek ser tkunu mgħarrfa hekk kif il-livell tiegħek jogħla. Int għandek imbagħad titkellem mal-provveditur tiegħek dwar liema kura u servizzi addizzjonali jistgħu jigu organizzati.

## X'jiġri jekk ma naċċettax pakkett ta' livell aktar baxx?

Jekk tingħata pakkett ta' livell aktar baxx imma tagħżel li ma taċċettahx, int mhux ser żvantaġġat. Int ser tibqa' fis-sistema nazzjonali tal-prijorità waqt li tkun qed tistenna pakkett f'livell ogħla u ser tkun mgħarraf meta jinstab wieħed.

Int tista' tgħid lil My Aged Care jew lill-assessur tiegħek il-livell minimu tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar li int lest taċċetta. Int tista' tiġi offrut pakkett ta' livell aktar baxx biex jgħinek tirċievi kura u servizzi malajr kemm jista' jkun.

## X'nagħmel bil-kodiċi tiegħi ta' riferiment?

Int għandek tieħu kopja tal-ittra tiegħek tal-pakkett li ngħatajt mal-kodiċi tiegħek ta' riferiment, u r-riżultati mill-assessjar tad-dħul tiegħek, għal kwalunkwe laqgħa mal-provveditur(i) preferuti tiegħek.

Għandek **56 ġurnata** mid-data minn meta l-Pakkett tal-Kura tiegħek fid-Dar ġie mogħti biex issib provveditur u tidħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar.

Jekk issibha bi tqila ssib provveditur approvat tal-kura fid-dar f'dawk il-**56 ġurnata**, jew għandek bżonn aktar żmien biex tieħu deċiżjoni, int tista' ċċempel lil My Aged Care fuq 1800 200 422 u jistgħu jtawlu ż-żmien bi **28 ġurnata** oħra.

Jekk ma tidħolx fi Ftehim tal-Kura fid-Dar fiż-żmien miftiehem mal-My Aged Care, int ser tirċievi ittra biex tinfurmak li l- Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar ġie irtirat.

Jekk il-pakkett tiegħek jiġi irtirat, int tinħtieġ iċċempel lil My Aged Care jekk trid li terġa' titpoġġa fis-sistema nazzjonali ta' prijorità għall- Pakkett tal-Kura fid-Dar biex jigi mogħti lilek. Il-post tiegħek fis-sistema nazzjonali ta' prijorità ser ikun determinat mid-data tal-approvazzjoni tiegħek oriġinali tal-kura fid-dar.



## Idħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar

Hekk kif tagħżel provveditur tal-kura fid-dar li l-aktar jissodisfa l-bżonnijiet tiegħek, huma ser jaħdmu miegħek biex jiżviluppaw il-pjan tiegħek ta' kura u l-baġit tal-pakkett.

Dan ser jifforma l-bażi tal-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar, li ser jelenka:

- kif ser jingħataw is-servizzi tiegħek
- min ser jipprovdihom
- kemm ser jiswew.

Għandu jkollok biżżejjed żmien biex tistudja l-Ftehim, u tfittex parir indipendenti legali, jekk tixtieq tagħmel dan, qabel ma tidħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar.

Jekk ma tistax tidħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar minħabba kwalunkwe problema fiżika jew medika, persuna oħra li tirrappreżentak tista' tidħol fil-Ftehim għan-nom tiegħek.

Int tista' tagħżel li tidħol fi Ftehim. Jekk jiġri dan, il-provveditur tiegħek tal-kura fid-dar xorta waħda irid ikellmek dwar it-tip ta' kura u servizzi li għandek bżonn.

Hu importanti li l-provveditur tal-kura fid-dar jirrekordja r-raġunijiet għala int m'għandex Ftehim stabbilit, u l-bażi tal-kura li qed tirċievi.

Hu importanti tifhem li int u l-provveditur tiegħek qed tidħlu fi Ftehim tal-Kura fid-Dar bħala imsieħbin ugwali.

Kwalunkwe tibdil fil-Ftehim tal-Kura fid-Dar irid ikun miftiehem minnek u l-provveditur tiegħek jiġifieri t-tnejn li intom.

## Id-drittijiet tiegħek

Iċ-Ċarter tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani jistabbilixxi d-drittijiet tiegħek bħala persuna li qed tirċievi servizzi tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar.

Il-provveditur tiegħek irid jagħtik kopja ffirmata taċ-Ċarter u jgħinek tifhmu. Il-provveditur tiegħek irid jagħtik ukoll, jew lir-rappreżentant tiegħek, l-opportunità li tiffirmaw it-tnejn id-dokument. Aktar tagħrif dwar iċ-Ċarter jinstab fuq il-websajt ta' My Aged Care f'www.myagedcare.gov.au

Int għandek drittijiet skont il-Liġi Awstraljana tal-Konsumatur. Aktar tagħrif dwar dawn id-drittijiet tiegħek jinsab fuq www.accc.gov.au/agedcare.

## Kif titwassal il-kura tiegħek

Mill-1 ta' Lulju 2019, ser ikun hemm sett wieħed ġdid ta' standards li japplikaw għas-servizzi kollha tal-kura tal-anzjani, magħruf bħala Standards tal-Kwalità tal-Kura tal-Anzjani.

L-iStandards tal-Kwalità tal-Kura tal-Anzjani jiffukaw fuq ir-riżultati tal-kwalità għall-konsumaturi minflok fuq il-proċessi tal-provveditur. Dan ser jagħmilha aktar faċli għall-konsumaturi, il-familji tagħhom, il-kerers tagħhom u r-rappreżentanti tagħhom jifhmu x'jistgħu jistennew mis-servizz. Ser tagħmel ukoll ir-regolazzjoni aktar sempliċi għall-provvedituri li qed jaħdmu fuq firxa ta' servizzi varji tal-kura tal-anzjani, u jħeġġeġ l-innovazzjoni, l-eċċellenza u t-titjib kontinwu.

Aktar tagħrif dwar l-istandards jistgħu jinkisbu fuq il-websajt ta' My Aged Care f'www.myagedcare.gov.au

## L-iżviluppar tal-pjan tiegħek tal-kura

Il-provveditur tiegħek tal-kura fid-dar ser ikollu diġà xi tagħrif dwar il-bżonnijiet tiegħek tal-kura rrekordjati fl-assessjar tiegħek tal-ACAT.

Il-pjan tiegħek ta' kura u l-baġit tal-pakkett huma partijiet importanti tal-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar .

Il-provveditur tiegħek irid iqis il-preferenzi personali tiegħek u jaħdem miegħek biex tiżviluppaw il-pjan tiegħek tal-kura. Dan jinkludu l-ikkonsidrar tal-ħtiġijiet tal-kerer tiegħek jekk għandek wieħed.

## Il-miri tiegħek

Meta tkun qed titkellem dwar il-bżonnijiet tiegħek mal-provveditur tiegħek, aħseb dwar liema huma l-miri tiegħek u x'inhu dak l-aktar importanti għalik. L-identifikar tal-miri tiegħek ser jgħinek tagħżel il-kura u s-servizzi li l-aħjar jissapportjaw l-bżonnijiet tiegħek. Waħda mill-miri tista' tkun il-manteniment ta' stil ta' ħajja b'saħħitha, jew li tikseb l-indipendenza fil-mobilità.

Int tista' tikkonsidra:

- X'tipi t'affarijiet jistgħu jtejbu l-ħajja tiegħi ta' kuljum?
- X'inħobb nagħmel l-aktar?
- X'sapport għandi bżonn biex ngħix mingħajr periklu?
- Fejn u meta rrid is-sapport?
- Dan kif jgħodd mal-għajnuna li l-kerer tiegħi jagħtini?

## Il-bżonnijiet tiegħek tal-kura

Il-provveditur tiegħek għandu jqis kwalunkwe sapport li int diġà għandek, bħal kerers, membri tal-familja, ħbieb, komunità lokali u servizzi oħra, biex jaħdem l-aħjar mod biex juża l-fondi tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar.

## Is-servizzi tiegħek

Il-pjan tiegħek tal-kura jinkludi l-kura u s-servizzi eżatti li ser ikunu pprovduti biex jissodisfaw il-miri u l-ħtiġijet tiegħek. Jista' jkopri wkoll min ser jipprovdi s-servizzi, meta ser jitwasslu u kemm ta' spiss.

## Il-maniġment tal-kura tiegħek

Il-pjan tiegħek tal-kura għandu jispjega fuq fuq l-approċ tal-provveditur tiegħek rigward il-maniġment tal-kura. Xi provvedituri joffrulek l-għażla li tkun involut fil-maniġment tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar. Il-provveditur tiegħek ser jiddiskuti dawn l-għażliet miegħek u l-pjan ta' kura ser jispjega fuq fuq il-livell ta' involviment li int tagħżel li jkollok.

## Il-pjan tiegħek tal-kura

Hekk kif ikun żviluppat miegħek, kopja finali tal-pjan tiegħek tal-kura jrid jingħatalek qabel, jew fi żmien 14-il ġurnata minn meta jibdew il-kura u servizzi tiegħek. Il-provveditur tiegħek ma jistax ibiddel il-pjan tiegħek tal-kura mingħajr il-permess tiegħek, imma int tista' tavviċinahom meta trid tibdlu fi kwalunkwe ħin.

Ftakar li l-bżonnijiet tiegħek tal-kura jistgħu jinbidlu fuq firxa ta' żmien u l-pjan tiegħek ta' kura jista' jiġi emendat biex jissodisfa dawk il-bżonnijiet li jinbidlu. Saħħtek u l-indipendenza tiegħek jistgħu jitjiebu u int għandek mnejn tixtieq tiffoka fuq mira ġdida jew għandek mnejn tesperjenza intopp u għandek bżonn ta' servizzi differenti.

Int trid tirrevedi l-pjan tiegħek ta' kura:

- tal-anqas darba kull 12-il xahar biex tkun żgur li l-kura u s-servizzi li qed tirċievi permezz tal-pakkett tiegħek tal-kura fid-dar għadu jissodisfa l-bżonnijiet tiegħek. Int tista' tistaqsi għal reviżjoni tal-pjan tiegħek tal-kura fi kwalunkwe ħin jekk il-bżonnijiet tiegħek tal-kura jinbidlu.
- jekk kont qed tirċievi servizz permezz ta' pakkett ta' livell aktar baxx mil-livell tiegħek approvat, u tiġi ttrasferit għall-pakkett ta' livell ogħla. Dan ser jippermittilek tirċievi servizzi ekstra li għandek bżonn biex jissodisfaw il-bżonnijiet tiegħek.

## Il-baġit tiegħek tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar

Il-kura u s-servizzi li tirċievi jridu jitħallsu mill-baġit tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar. Il-provveditur tiegħek ser jiddiskuti il-baġit li għandek u kif int tista' tużah.

Il-baġit tal-pakkett tiegħek ser iħallik tara x'fondi hemm fil-pakkett tiegħek, u kif dawn il-fondi qed jintefqu.

Il-pakkett tal-baġit tiegħek jikkonsisti minn:

- is-sussidju tal-gvern ( u s-supplimenti eliġibbli – ara paġna 31)
- il-miżati li tħallas ( u kwalunkwe ammont addizzjonali li int qbilt li tħallas għal kura u servizzi ekstra).

Hu importanti tiftakar li l-kura u s-servizzi li qed tirċievi bħala parti mill-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar iridu jkunu adattati għall-baġit tiegħek tal-pakkett, għajr meta tħallas kontribuzzjonijiet oħra.

## Ammont tal-ħruġ

Il-provvedituri tal-kura fid-dar jistgħu jnaqqsu ammont tal-ħruġ minn kwalunkwe fondi tal-pakkett mhux minfuqa jekk int tiddeċiedi li tmur ma' provveditur ieħor tal-kura fid-dar jew jekk tagħżel li ttemm il-ftehim.

L-ammont massimu tal-ħruġ li l-provveditur jista' jinkudi f'Ftehim tal-Kura fid-Dar hu muri fuq il-websajt tal-My Aged Care. Jekk il-provveditur jixtieq jiċċarġja ammont tal-ħruġ, irid ikun inkluż fil-Ftehim tal-Kura fid-Dar u int taqbel miegħu.

Il-Ftehim tal-Kura fid-Dar ser jinkludi wkoll tagħrif dwar il-kundizzjonijiet li jistgħu japplikaw, bħal perjodi minimi tal-kuntratt jew perjodi minimi ta' notifika.

Kun żgur li tifhem kwalunkwe miżata, ammont ta' ħruġ u kundizzjonijiet qabel ma tidħol fil-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar.

## Stejtment ta' kull xahar

Int ser tirċievi stejtments kull xahar mill-provveditur tiegħek li juri ċ-ċarġis għas-servizzi u l-apparat, il-maniġment tal-kura u ċarġis oħra tal-provveditur u l-bilanċ tiegħek mhux minfuq. Jekk mintix qed tirċievi stejtment kull xahar, kellem lill-provveditur tiegħek.

Kwalunkwe fondi mhux minfuqa jridu jiġu ttrasferiti minn xahar għal xahar, u minn sena għal sena, sakemm int tibqa' tirċievi Pakkett tal-Kura fid-Dar mingħand dak il-provveditur. Jekk tagħżel li ttemm il-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar jew tibdel il-provvedituri, il-fondi tiegħek mhux minfuqa jridu jingħatawlek lura u lill-Gvern jew jiġu ttrasferiti lill-provveditur tiegħek il-ġdid.

## Jistgħu jħallsuni s-sussidju tal-gvern?

Il-fondi tas-sussidju tal-gvern iridu jitħallsu lill-provveditur approvat tal-kura fid-dar u mhux direttament lilek. Il-provveditur tiegħek ser jimmaniġġjahom għan-nom tiegħek.

## X'supplimenti huma disponibbli jekk għandi bżonnijiet ekstra?

Int tista' tirċievi suppliment biex jgħinek tissodisfa l-bżonnijiet addizzjonali tal-kura jekk int tissodisfa l-kriterji tal-eliġibilità għal suppliment partikulari, li xi kultant jinvolvi assessjar. Fil-biċċa l-kbira tal-każi, il-provveditur tiegħek hu responsabbli li jitfa' l-applikazzjoni u wara jinvestega biex jiċċekkja jekk il-pagament tas-suppliment bediex jew le. Is-supplimenti kollha li int tirċievi ser ikunu nklużi fil-baġit tiegħek tal-pakkett.

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar l-eliġibilità tiegħek għal suppliment jew jekk l-applikazzjoni tiegħek ġietx approvata, staqsi lill-provveditur tiegħek.

Xi supplimenti addizzjonali jinkludu:

- Suppliment tad-Dimenzja u tal-Konjizzjoni – biex jgħin fl-ispejjeż ekstra assoċjati mal-kura ta' persuni b'impediment tal-konjizzjoni marbuta mad-dimenzja u kundizzjonijiet oħra. Dan jiddependi mis-sodisfar tal-kundizzjonijiet tal-eliġiblità inkluż assessjar minn tabib tal-familja jew persuna kkwalifikata b'mod xieraq li tuża tagħmir preskritt tal-assessjar
- Suppliment tal-Veterani – ffinanzjar tal-veterani li jbatu minn kundizzjoni tas-saħħa mentali li ġiet aċċettata mid-Dipartiment tal-Affarijiet tal-Veterani (DVA) li għandha x'taqsam mas-servizz tagħhom
- Suppliment tal-Ossiġenu – għall-persuni li għandhom bżonn mediku kontinwu għall-għoti kontinwu tal-ossiġenu. Dan ma japplikax għal mard ta' żmien qasir bħal bronkite, jew użu intermittenti tal-ossiġenu
- Suppliment tal-Għoti tal-Ikel B'Mod Enterali – għall-persuni li għandhom bżonn li jingħataw l-ikel permezz ta' tubu fuq bażi kontinwa
- Suppliment tal-Vijabilità – intenzjonat biex jgħin persuni jlaħħqu mal-ispejjeż ogħla għat-twassil ta' kura u servizzi lill-persuni li jgħixu f'żoni rurali jew remoti
- Suppliment tat-Tbatija – li jingħata lil dawk li qed jirċievu kura fid-dar u li ġenwinament qed ibatu tbatija finanzjarja li mhumiex kapaċi jħallsu għall-ispejjeż tal-kura tagħhom tal-anzjani minħabba ċirkustanzi lil hinn mill-kontroll tagħhom (ara paġna 20 għal aktar tagħrif).

**Nota:** Jekk veteran hu eliġibbli għas-Suppliment tal-Veterani u s-Suppliment tad-Dimenzja u tal-Konjizzjoni fil-kura fid-dar, l-provveditur approvat ser jirċievi biss is-Suppliment tal-Veterani.

## Jista' xi ħadd jgħinni ninnegozja mal-provveditur tiegħi tal-kura fid-dar?

Int jista' jkollok persuna oħra, bħal ngħidu aħna membru tal-familja, ħabib jew kerer miegħek waqt li qed ikun jiġi mfassal il-pjan tiegħek tal-kura.

Il-gvern jiffinanzja servizzi tal-avukatura (persuna li titkellem għalik) skont il-Programm Nazzjonali Tal-Persuna li Titkellem Għalik dwar il-Kura tal-Anzjani. Is-servizzi tal-persuna li titkellem għalik jipprovdu tagħrif lill-konsumaturi, lill-familji tagħhom u lill-kerers tagħhom dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom meta jaċċessjaw is-servizzi tal-kura tal-anzjani.

Is-servizzi tal-persuna li titkellem għalik huma bla ħlas, kunfidenzjali u indipendenti. Il-Linja Nazzjonali tal-Persuna li Titkellem Għalik dwar il-Kura tal-Anzjani tista' tiġi kkuntattjata permezz ta' telefonata bla ħlas fuq 1800 700 600.

Persuna li titkellem għalik tista' tgħinek billi:

- tieħu sehem fid-diskussjoni dwar il-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar, il-pjan tal-kura u l-baġit tal-pakkett
- titkellem dwar xi lmenti li jista' jkollok.


SHOPPING CENTRE
P
GIVE WAY
onics
elties

## Immaniġġja s-servizzi tiegħek

Meta jkollok Ftehim tal-Kura fid-Dar, pjan ta' kura u baġit tal-pakkett, il-kura u s-servizzi tiegħek miftehma jistgħu jibdew.

Il-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar jibda fil-ġurnata li int tidħol fil-Ftehim tal-Kura fid-Dar, u mhux mill-ġurnata meta tibda tirċievi l-kura u s-servizzi.

## X'jiġri jekk il-bżonnijiet tal-kura tiegħi jinbidlu?

Il-bżonnijiet tiegħek tal-kura jistgħu jinbidlu fuq firxa ta' żmien. Jekk jiġri dan, int tista' tirranġa s-servizzi tiegħek biex ikunu jgħoddu aħjar għalik. Jekk tinnota li bżonnijiet tal-kura tiegħek hemm bżonn jinbidlu:

L-ewwel kellem lill-provveditur tiegħek u staqsi għal reviżjoni tal-pjan tiegħek tal-kura. Jekk il-provveditur ma jistax jgħin, ċempel lil My Aged Care għal asssessjar mill-ġdid, int għandek mnejn tinħtieġ tkun assessjat mill-ġdid għal livell ogħla ta' Pakkett tal-Kura fid-Dar jew servizzi oħra ta' sapport.

## X'jiġri jekk qed nirċievi pakkett ta' livell aktar baxx minn dak li kont approvat għalih?

Jekk tirċievi pakkett ta' livell aktar baxx waqt li qed tistenna għal-livell tiegħek approvat, My Aged Care ser awtomatikament titrassferik għall-pakkett ta' livell ogħla meta jinstab wieħed. My Aged Care ser tavżak u lill-provveditur tiegħek meta l-pakkett tiegħek ġie mgħolli. Hekk kif tkun avżat, int għandek tirrevedi l-pjan tiegħek tal-kura u l-baġit tal-pakkett mal-provveditur tiegħek.



## Il-provveditur tiegħi jista' jtemm il-Ftehim tal-Kura fid-Dar?

Hekk kif int tidħol fil-Ftehim Tiegħek tal-Kura fid-Dar, il-provveditur tiegħek irid ikompli jwassal il-kura u servizzi miftehma sakemm int tinħtieġ dawk is-servizzi. Dan hu magħruf bħala 'sigurtà fil-pussess' u ser ikun iddetaljat fil-Ftehim Tiegħek tal-Kura fid-Dar.

Il-provveditur tal-kura fid-dar ikun jista' biss itemm is-servizzi jekk:

- int tgħid lill-provveditur tal-kura fid-dar li int ma tixtieqx aktar tirċievi l-kura
- il-kundizzjoni tiegħek tinbidel u għalhekk int ma tistax tkun ikkurat fid-dar tiegħek bir-riżorsi disponibbli lill-provveditur tal-kura fid-dar
- int tmur toqgħod f'post fejn mhemmx kura fid-dar permezz tal-provveditur tal-kura fid-dar
- int ma ħallastx il-miżati tiegħek tal-kura fid-dar għal raġuni fi ħdan il-kontroll tiegħek u ma kontx innegozjajt arranġament alternattiv ta' pagament mal-provveditur tiegħek
- int ikkawżajt apposta korriment serju lill-membru tal-istaff jew ksirt id-dritt li persuna taħdem f'ambjent mingħajr periklu.

Meta provveditur ikun irid itemm il-Ftehim tal-Kura fid-Dar, int trid tingħata avviż raġjonevoli bil-miktub u għajnuna biex tagħmel arranġamenti oħra xierqa. Jekk għandek bżonn tittrasferixxi għal tip ieħor ta' kura, il-provveditur kurrenti għandu jaħdem miegħek u mal-provveditur il-ġdid biex jiżguraw transizzjoni mingħajr intoppi.



## X'jiġri jekk immur l-isptar, f'kura residenzjali tar-respajt, f'kura tat-transizzjoni jew tieħu leave għal raġunijiet soċjali?

Il-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar ser jelenka x'jiġri jekk int għandek bżonn tieħu leave mill-kura u mis-servizzi li qed tirċievi skont il-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar.

L-ewwel, int (jew ir-rappreżentant tiegħek) ser iċempel lill-provveditur tiegħek tal-kura fid-dar biex tiddiskuti kwalunkwe leave ippjanat li għandek bżonn.

Jekk ikollok tmur l-isptar, ċempel (jew qabbad lil xi ħadd ieħor biex iċempel) lill-provveditur tiegħek malajr kemm jista' jkun biex tinfurmah biex il-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar ma jkunx iċċarġjat għal servizzi li int ma rċevejtx.

Int għandek ukoll tiddiskuti mal-provveditur tiegħek xi jsir mill-miżati tiegħek u mis-sussidju tal-gvern waqt li int tkun bil-leave.

Int jista' jkollok tħallas il-miżata bażika ta' kuljum waqt li tkun l-isptar jew bil-leave għal raġunijiet soċjali, imma ma tħallasx jekk int f'kura transizzjonali jew f'kura residenzjali tar-respajt.

Jekk int tħallas miżata tal-kura skont it-test tad-dħul int trid tkompli tħallas din, għalkemm int għandek mnejn tiġi mitlub tħallas ammont inqas. Jekk jogħġbok iddiskuti dan aktar mal-provveditur tiegħek.

## Nista' nibdel il-provvedituri?

Tista' tibdel il-provvedituri fi kwalunkwe ħin, kemm jekk qed tmur toqgħod f'post differenti jew qed tfittex servizz li aktar jgħodd għalik. Il-provveditur kurrenti tiegħek irid jissapportjak tmur ma' provveditur ieħor. Iċċekkja l-Ftehim tal-Kura fid-Dar biex tkun taf dwar kwalunkwe kundizzjoni bħal ngħidu aħna perjodi ta' notifika jew ammont tal-ħruġ li jistgħu japplikaw.

Għas-serħan tiegħek tal-moħħ u biex tillimita kwalunkwe interruzzjoni fis-servizzi tiegħek, int għandek issib provveditur ġdid qabel ma taqbel dwar data tat-tmiem mal-provveditur kurrenti tiegħek.

Hemm lista tal-iċċekkjar fit-tmiem dan il-ktejjeb biex tgħinek matul il-proċess tat-tibdil tal-provvedituri.

## Flus mhux minfuqa

L-ammont mhux minfuq tal-kura fid-dar hu l-ammont totali tas-sussidju tal-kura fid-dar, supplimenti u miżati tal-kura fid-dar imħallsa lill-provveditur approvat għal klijent (għal perjodu ta' kura), li ma ntefqux jew ma ġewx allokati għall-kura ta' dak il-klijent.

Int għandek taħdem mal-provveditur tiegħek biex tara li tibbenefika mill-użu sħiħ tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar u l-baġit tal-pakkett. Kellem lill-provveditur tiegħek dwar il-fondi li hemm u kif int ser tonfoq dawk il-fondi biex jissapportjaw il-bżonnijiet tiegħek. Int għandek tiżviluppa pjan ta' kura u pakkett tal-baġit mal-provveditur tiegħek li jissodisfa totalment il-bżonnijiet tal-kura assessjata mill-ACAT. Il-bżonnijiet tiegħek tal-kura assessjata ser ikunu nklużi fil-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar.

Il-baġit għall-pakkett tiegħek għandu jissodisfa l-bżonnijiet tiegħek tal-kura **kurrenti**. Jekk qed tirċievi biżżejjed kura permezz ta' pakkett ta' livell aktar baxx, int tista' tagħżel li toħroġ barra s-sistema nazzjonali tal-prijorità. Mhux ser tkun żvantaġġat jekk tagħżel li toħroġ, billi tista terġa' wkoll tidħol fis-sistema f'kwalunkwe ħin, skont d-data oriġinali tal-approvazzjoni u tal-prijorità tiegħek. Int ser tkompli tirċievi servizzi permezz tal-pakkett tiegħek ta' livell aktar baxx. Jekk il-bżonnijiet tal-kura tiegħek jiżdiedu fil-futur, int tista' terġa' tissieħeb fis-sistema nazzjonali tal-prijorità u skont id-data oriġinali tal-approvazzjoni tiegħek, tkun fis-sistema għall-pakkett tiegħek tal-livell approvat.

Int għandek tirrevedi l-pjan tiegħek tal-kura u l-baġit tal-pakkett mal-provveditur tiegħek hekk kif jitgħolla l-livell tiegħek, biex hekk tkun qed tagħmel l-aħjar użu mill-pakkett tiegħek.

Jekk hemm xi flus mhux minfuqa fil-pakkett tiegħek (wara li jitħallsu l-ispejjeż u l-miżati kollha) dawn ikunu trasferiti miegħek hekk kif tikseb provveditur ieħor ġdid.

L-ammont mhux minfuq tal-kura fid-dar ser ikun maħdum mid-data meta bdejt tirċievi servizzi tal-kura fid-dar mill-provveditur tiegħek, sad-data tat-tmiem miftiehem tas-servizzi tiegħek tal-kura fid-dar.

Nota: Jekk bdejt tirċievi l-kura fid-dar qabel l-1 ta' Lulju 2015, din ser tkun id-data tal-bidu wżata biex jinħadem l-ammont tiegħek mhux minfuq tal-kura fid-dar.

Il-provveditur kurrenti tiegħek għandu 56 ġurnata mid-data tat-tmiem li int qbilt magħhom biex jagħtuk avviż li ser jinkludi:

- id-data tiegħek tat-tmiem miftiehem tas-servizzi tal-kura fid-dar li intom it-tnejn qbiltu dwarha
- l-ammont tal-ħruġ li ser jitnaqqas (jekk jgħodd)
- il-bilanċ ta' fondi mhux minfuqa.

Il-provvedituri jridu jittrasferixxu l-flus mhux minfuqa jekk il-klijent jibdel il-provveditur, jew jagħtu lura il-flus mhux minfuqa lill-gvern jekk il-klijent iħalli d-dar tal-kura.

Nota: jekk int ħallast kwalunkwe miżata tal-kura fid-dar bil-quddiem, dawn mhumiex inklużi fil-kalkolu tal-ammont mhux minfuq tal-kura fid-dar u jridu jingħataw lura separatament mill-provveditur tiegħek.

Int trid tgħarraf lill-provveditur tiegħek il-qadim fi żmien 56 ġurnata wara d-data miftehma tiegħek tat-tmiem magħhom, bid-dettalji tal-provveditur il-ġdid tiegħek biex huma jkunu jistgħu jittrasferixxu kwalunkwe flus mhux minfuqa lilhom.

Jekk tajt dan it-tagħrif lill-provvveditur tiegħek il-qadim, allura huma jridu jaraw li dan it-trasferiment ikun komplut fi żmien 70 ġurnata mid-data tiegħek ta' tmiem miftehma.

Jekk int:

- ġarrejt għal kura residenzjali permanenti
- ħallejt id-dinja
- ma għadekx tuża l-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar

allura l-provveditur tiegħek ser jaħdem l-ammont mhux minfuq u jagħti lura l-kontribuzzjonijiet tal-miżati li ħallast lilek jew lil ġidek wara mewtek.

Kwalunkwe kontribuzzjoniji magħmula mill-gvern lill-baġit tal-pakkett tiegħek li għadhom mhux minfuqa, bħas-sussidju u s-supplimenti tal-kura fid-dar, ser jingħataw lura lill-gvern.



## Tqajjim tat-tħassib tiegħek

Jekk int mintix kuntent dwar xi aspett tal-kura jew tas-servizzi tiegħek li int tirċievi, hemm żewġ modi kif tista' tagħmel ilment:

- kellem lill-provveditur tiegħek tas-servizz dwar it-tħassib tiegħek
- ikkuntattja lill-Kummissjoni tal-Kwalità u s-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani.

Spiss ikun aħjar li titkellem l-ewwel mal-**provveditur tas-servizz** tiegħek dwar l-ilment tiegħek biex tara jekk jistgħux jgħinuk. Huma jinsabu hemm biex jissapportjawk u għandhom jisimgħu t-tħassib tiegħek u jieħdu l-miżuri neċessarji.

Xi kultant, l-ilmenti ma jistgħux ikunu riżolti mill-provveditur tas-servizz. Jew tista' tħossok skomdu tqajjem it-tħassib tiegħek magħhom. F'dawn il-każi, int għandek id-dritt tikkuntattja lill-**Kummissjoni tal-Kwalità u s-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani**. Dan hu servizz bla ħlas u int tista' tikkuntattjahom billi:

**Iċċempel** – 1800 951 822

**Online** – www.agedcarequality.gov.au

**Billi tikteb** – indirizza l-ilment tiegħek bil-miktub lil:

Aged Care Quality and Safety Commission
GPO Box 9819
(Il-belt kapitali u l-istat/territorju tiegħek)

Int għandek ukoll id-dritt **għall-persuna li titkellem għalik** biex tgħinek tagħmel ilment.

Huma joffri sapport u tagħrif bla ħlas, kunfidenzjali u indipendenti lill-persuni ( u r-rappreżentanti tagħhom) li qed jirċievu jew qed jippruvaw jirċievu servizzi tal-kura tal-anzjani ffinanzjati mill-Gvern Awstraljan.

Ċempel lill-Linja Nazzjonali tal-Persuna li Titkellem Għalik dwar Kura tal-Anzjani fuq 1800 700 600 (telefonata bla ħlas) biex tikseb aktar tagħrif dwar is-servizzi tal-persuna li titkellem għalik.

# Aktar għajnuna.

## X'jiġri jekk għandi bżonn għajnuna tal-interpretu?

Jekk int titkellem lingwa oħra barra l-Ingliż, int tista' ċċempel is-Servizz tat-Traduzzjoni u tal-Intepretar (TIS Nazzjonali) u tħallas daqs telefonata lokali fuq 131 450. TIS Nazzjonali jkopri aktar minn 100 lingwa. Ċempel u għid lill-operatur il-lingwa li titkellem u itlobhom iċemplu My Aged Care fuq 1800 200 422.

## X'jiġri jekk għandek bżonn għajnuna minħabba diffikultajiet tas-smigħ jew tat-taħdit?

Ikkuntattja lil My Aged Care permezz tas-Servizz Nazzjonali tar-Relay (NRS). Għal aktar tagħrif, żur il-websajt ta' NRS (communications.gov.au/accesshub/nrs) biex tagħżel il-punt preferut tiegħek tal-aċċess jew ċempel lil Helpdesk (is-servizz li jipprovdi tagħrif u għajnuna) tal-NRS fuq 1800 555 660.

## X'għajnuna hemm għall-persuni bid-dimenzja?

Il-Gvern Awstraljan jistenna lill-provvedituri kollha tal-kura tal-anzjani joffru servizzi li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-persuni bid-dimenzja.

Il-Gvern Awstraljan jiffinanzja servizzi ta' pariri, ta' edukazzjoni u ta' taħriġ, programmi ta' sapport u servizzi oħra għall-persuni bid-dimenzja, il-familji u l-kerers tagħhom.

Għal aktar tagħrif ċempel lil My Aged Care fuq 1800 200 422 jew mur fuq www.myagedcare.gov.au

## X'għajnuna hemm disponibbli għall-persuni akbar fl-età li huma bla dar jew jinsabu fir-riskju li jiġu bla dar?

Jekk int xjaħt qabel iż-żmien, għandek dħul baxx, għandek 50 sena jew aktar (45 sena jew aktar għall-persuni Aboriġeni jew mill-Gżejjer tat-Torres Strait) u int bla dar jew tinsab fir-riskju li tispiċċa bla dar, hemm sapport li jinkludi:

- kuntatt ma' servizzi xierqa tad-djar u tal-kura
- servizzi ta' persuna li titkellem għalik u għajnuna rigward xogħol finanzjarju u legali
- kuntatt ma' servizzi oħra ta' sapport soċjali mmirati li jnaqqsu l-persuni bla dar.

## X'għajnuna hemm għall-persuni bi bżonnijiet diversi?

Il-Gvern Awstraljan jirrikonoxxi li s-soċjetà tagħna hi diversa u l-persuni għandhom firxa wiesgħa ta' esperjenzi tal-ħajja.

Hemm ħafna programmi u servizzi biex jissapportjaw persuni bi bżonnijiet diversi biex jaċċessjaw l-għajnuna li għandhom bżonn. Jista' jkun hemm servizzi speċjalizzati fin-naħa tiegħek li jieħdu ħsieb speċifikament gruppi bi bżonnijiet speċjali. Int tista' ssib tagħrif permezz ta' My Aged Care jew billi ssaqsi lill-assessur tal-ACAT.

Il-provvedituri tas-servizz għandhom jikkonsidraw, jirrispettaw u jissapportjaw bżonnijiet speċifiċi u diversi meta jwasslu kura u servizzi. L-ebda provveditur tas-servizz ma għandu jiddiskrimina kontra xi ħadd, inklużi:

- Persuni Aboriġeni u tal-Gżejjer ta' Torres Strait
- persuni minn sfondi kulturalment u lingwistikament diversi
- persuni li jgħixu f'żona rurali u remota
- persuni li huma finanzjarjament jew soċjalment żvantaġġjati
- veterani, id-dipendenti tagħhom u romol
- persuni li huma bla dar jew fir-riskju li jispiċċaw bla dar
- persuni li huma lesbjani, omosesswali, bisesswali, transġender jew intersesswali
- persuni li Ħallew il-Kura (adulti li qattgħu żmien f'kura istituzzjonali jew kura fejn ġew adottati bħala tfal)
- ġenituri separati minn uliedhom minħabba adozzjoni sfurzata jew li tteħdulhom.

Li jkun jaf il-bżonnijiet individwali tiegħek jgħin lill-provveditur tiegħek iwassal il-kura u s-sapport li hu xieraq u rispettuż tad-diversità tiegħek.

Għal aktar tagħrif ċempel lil My Aged Care fuq 1800 200 422 jew mur f'www.myagedcare.gov.au

## X'għajnuna hemm għall-kerer tiegħi?

L-għan tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar hu li jissodisfa l-bżonnijiet tiegħek speċifiċi tal-kura. Biex jissapportjaw aħjar lill-kerer tiegħek int għandek mnejn tixtieq taċċessja sapport ieħor bħal Kura tar-Respajt permezz tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar.

Jekk il-kerer tiegħek għandu bżonn sapport addizzjonali, ikkuntattja lil Carer Gateway fuq 1800 422 737 jew mur fuq il-websajt f'www.carergateway.gov.au biex tikseb aktar tagħrif.

## X'jiġri jekk diġà qed nirċievi servizzi ta' kura tal-anzjani?

Jista' jkun possibbli li int tirċievi kura u servizzi permezz ta' firxa ta' programmi oħra li int ma tistax tirċievi bħala parti tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar jew li jistgħu jikkomplimentaw il-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar. Dawn il-programmi jinkludu:

- Programm ta' Kura Transizzjonali
- Skema ta' Viżitaturi Komunitarji
- Programm tad-Diżabilità
- Skema tal-Pagament tal-Għajnuniet tal-Kontinenza
- Kura Palljattiva
- Programm tad-Dipartiment tal-Affarijiet tal-Veterani.

F'ċerti ċirkustanzi, int tista' tirċievi kura u servizzi permezz tal-Programm tal-Commonwealth tas-Sapport fid-Dar (CHSP) meta tirċievi Pakkett tal-Kura fid-Dar, fuq bażi fultajm. Jekk jogħġbok aqra l-manwal tas-CHSP għal aktar tagħrif.

## Spejjeż tat-telefonati

**Numri 13/1300** – Iċ-ċarġis għal telefonati bin-numri 13/1300 minn telefown tal-linja fissa u telefownijiet mowbajl huma differenti. Telefonati għal numri 13/1300 minn telefown tal-linja fissa huma ċċarġjati daqs telefonata lokali. Telefonati minn telefownijiet mowbajl jista' jeħlu ċarġ ogħla.

**Numri 1800** – Telefonati għal numri 1800 huma bla ħlas minn telefownijiet tal-linja fissa u l-biċċa l-kbira tal-provvedituri Awstraljani tat-telefown mowbajl issa joffru telefonati bla ħlas għal numri 1800 – iċċekkja mal-provveditur tiegħek tat-telefown mowbajl.

# Lista tal-Iċċekkjar – Sib il-provveditur tiegħek tal-kura fid-dar u aħdem l-ispejjeż

Hekk kif tkun assessjat li int eliġibbli li tirċievi Pakkett tal-Kura fid-Dar, uża din il-lista tal-iċċekkjar biex tgħinek u tiggwidak matul il-proċess biex issib provveditur tal-kura fid-dar u tifhem kemm jista' jkollok tikkontribwixxu għall-ispiża tal-kura tiegħek.

1. Wara l-assessjar tiegħek
   a. tirċievi l-ittra tiegħek tal-approvazzjoni mal-livell tal-pakkett u data tal-approvazzjoni ☐

2. Agħmel lista qasira ta' provvedituri fiż-żona lokali tiegħek
   b. uża l-għodda 'Find a Provider' (Sib Provveditur) fuq il-websajt tal-My Aged Care www.myagedcare.gov.au jew ċempel lil My Aged Care fuq 1800 200 422 ☐

3. Aħdem il-miżati
   c. uża l-għodda tal-kalkulatur tal-miżati fuq il-websajt ta' My Aged Care biex tikkalkula l-ispejjeż ☐
   d. ċempel lil DHS* fuq 1800 227 475 biex torganizza assessjar tad-dħul ☐
   e. ifhem il-miżata bażika ta' kuljum u l-miżata tal-kura skont it-test tad-dħul ☐

4. Ikkuntattja lill-provvedituri potenzjal u ddiskuti x'jisgħu joffru u kemm jiċċarġjaw skont il-pakkett
   f. fejn jinsab il-provveditur? ☐
   g. huma jissodisfaw kwalunkwe bżonn speċjali li jista' jkolli – lingwa, kultura, diversità? ☐
   h. fejn u meta ser jipprovdu s-sapport tiegħi? ☐
   i. min ser jipprovdi s-servizzi tiegħi? ☐
   j. kemm ser jiswew il-kura u s-servizzi? ☐
   k. hemm xi spejjeż oħra u xi jkopru? ☐
   l. x'iċċekkjar jagħmlu biex jiżguraw il-kwalità tas-servizz? ☐

5. Tirċievi ittra tal-għoti tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar ☐

**Ftakar:** *Int ma tistax tidħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar qabel ma nkunu ktibnielek biex ninfurmawk li Pakkett tal-Kura fid-Dar ġie mogħti lilek.*

** Jekk int diġà qed tirċievi pagamenti tas-sapport tad-dħul skont it-test tal-mezzi, dan it-tagħrif ser ikun diġà miżmum mid-DHS/DVA u għalhekk int ma għandekx bżonn tiffissa assessjar tad-dħul. Jekk dan it-tagħrif mhux miżmum u int tagħżel li d-dħul tiegħek ma jkunx assessjat, int imbagħad tiġi mitlub tħallas il-miżata massima.*

# Lista tal-Iċċekkjar – Idħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar

Meta pakkett isir disponibbli int ser tirċievi ittra li tgħarrfek li int ġejt mogħti l-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar, inkluż kodiċi unika ta' riferiment u d-data sakemm int trid tuża din il-kodiċi biex tidħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar.

Uża din il-lista tal-iċċekkjar biex tgħinek ħalli tiggwidak matul il-proċess tan-negozjar tal-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar mal-provveditur tiegħek preferut tal-kura fid-dar.

1. Tkun mogħti Ftehim tal-Kura fid-Dar
   a. tirċievi ittra tal-għoti tal-pakkett b'kodiċi ta' riferiment u data ta' skadenza. ☐

2. Ikkuntattja lill-provveditur preferut tiegħek
   b. ħu kopja tal-ittra tiegħek tal-għoti tal-pakkett tiegħek ☐
   c. ħu kopja tar-riżultati tal-assessjar tad-dħul tiegħek
      Nota: Jekk int għadek ma iffissajtx assessjar tad-dħul, ċempel lil DHS fuq 1800 227 475* ☐
   d. għandek bżonn aktar minn 56 ġurnata biex tieħu deċiżjoni?
      i. ikkuntattja u ċempel lil My Aged Care fuq 1800 200 422 għal aktar żmien ☐

3. Idħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar
   e. aħdem mal-provveditur tiegħek biex tiżviluppa pakkett tal-baġit u pjan ta' kura ☐
   f. ftiehem dwar l-istruttura u t-tfassil tal-istejtments ta' kull xahar ☐
   g. ifhem il-kundizzjonijiet u ċ-ċarġis li ser jitnaqqsu mill-fondi tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar inkluż kwalunkwe ammont tal-ħruġ ☐
   h. idħol fil-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar ☐

4. Ibda mmaniġġja s-servizzi tiegħek
   i. irrevedi l-pjan tal-kura fuq bażi regolari biex tkun żgur li għadu jissodisfa l-bżonnijiet tiegħek ☐
   j. jekk il-bżonnijiet tiegħek jinbidlu, ibbukkja appuntament mal-provveditur tiegħek tal-kura fid-dar biex tiddiskuti ☐

** Jekk int diġà qed tirċievi pagamenti tas-sapport tad-dħul skont it-test tal-mezzi, dan it-tagħrif ser ikun diġà miżmum mid-DHS/DVA u għalhekk int ma għandekx bżonn tiffissa assessjar tad-dħul. Jekk dan it-tagħrif mhux miżmum u int tagħżel li d-dħul tiegħek ma jkunx assessjat, int imbagħad tiġi mitlub tħallas il-miżata massima.*

# Lista tal-iċċekkjar – Tibdil tal-provvedituri

Jekk int interessat li tibdel il-provvveditur tal-kura tiegħek fid-dar, jew għax mort post ieħor jew qed tfittex sitwazzjoni li aktar tgħodd għalik, tista' tagħmel dan. Uża din il-lista tal-iċċekkjar biex tgħinek u tiggwidak matul il-proċesss tal-bidla tal-provvedituri.

1. Aqra l-Ftehim kurrenti tal-Kura fid-Dar
   a. ifhem kwalunkwe kundizzjoni u ammont tal-ħruġ meta tibdel il-provvedituri ☐
2. Ibda fittex provvedituri ġodda fin-naħa lokali tiegħek
   b. uża l-għodda 'Find a Provider' fuq il-websajt www.myagedcare.gov.au ta' My Aged Care jew ċempel lil My Aged Care fuq 1800 200 422 ☐
3. Iddeċiedi rigward provveditur xieraq u ara li huma jistgħu jwasslu s-servizzi li għandek bżonn ☐
4. Ftiehem dwar data tat-tmiem għas-servizzi tal-kura fid-dar mal-provveditur kurrenti ☐

   **Nota:** int għandek 56 ġurnata minn din id-data tat-tmiem biex tidħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar ma' provveditur ġdid. Int għandek ukoll l-għażla li titlob estensjoni ta' 28 ġurnata oħra.
5. Ċempel lil My Aged Care u itlob li jerġgħu jattivaw mill-ġdid il-kodiċi tar-riferiment ☐
6. Agħti lill-provveditur il-ġdid il-kodiċi tiegħek tar-riferiment ☐
7. Idħol fi Ftehim tal-Kura fid-Dar
   c. aħdem mal-provveditur tiegħek biex tiżviluppaw baġit tal-pakkett ☐
   d. ftiehem dwar l-istruttura u t-tfassil tal-istejtments ta' kull xahar ☐
   e. ifhem il-kundizzjonijiet u ċ-ċarġis li ser jinqatgħu mill-fondi tal-Pakkett tiegħek tal-Kura fid-Dar, inkluż l-ammont ta' ħruġ ☐
   f. ftiehem fuq id-data tal-bidu meta tibda mal-provveditur il-ġdid ☐

      **Nota:** din trid tkun fid-data jew wara d-data tat-tmiem tas-servizzi mal-provveditur kurrenti tiegħek
   g. idħol fil-Ftehim il-ġdid tiegħek tal-Kura fid-Dar ☐
8. Agħti lill-provveditur kurrenti d-dettalji tal-provveditur il-ġdid tiegħek fi żmien 56 ġurnata mid-data miftehma tat-tmiem biex huma jkunu jistgħu jittrasferixxu kwalunkwe flus mhux minfuqa ☐
9. Irċievi avviż mill-provveditur il-qadim bid-dettalji ta' flus mhux minfuqa
   h. Jekk ma tirċevix avviż fi żmien 56 ġurnata tad-data tat-tmiem miftiehem, ikkuntattja lill-provveditur antik ☐
10. Il-Proveditur jittrasferixxi l-flus mhux minfuqa (jekk hemm) lill-provveditur il-ġdid, fi żmien 70 ġurnata tad-data miftehma tat-tmiem tas-servizzi ☐
11. Il-provveditur il-ġdid jinkludi dettalji tal-fondi mhux minfuqa ttrasferiti lilhom fl-istejtment tiegħek tax-xahar li jmiss ☐

## Noti.

Noti.

Għall-għajnuna żur www.myagedcare.gov.au jew ċempel 1800 200 422
It-tagħrif kollu f'din il-pubblikazzjoni hu korrett fl-ewwel ta' Lulju 2019

12537 Lulju 2019